**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 8 - L-ERBGĦA, 11 TA' NOVEMBRU 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:00 sal-21:55.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku (mit-20:00) |
| | Alfred Grima | Kunsillier (sal-21:45) |
| | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Paul Bugeja | Kunsillier |
| | Anne Fenech | Kunsillier (sad-21:17) |
| | Robert Piscopo | Kunsillier (sas-19:32) |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Stephen Cremona | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier |
| | Daniel Grima | Kunsillier |
| | Simone Aquilina | Chairperson KAB |

1. **APOLOĠIJI**

1.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri Buhagiar, Barbara, D. Grima ċ-Chairperson ta' Burmarrad kienu infurmawh li ma setgħux jattendu. Kopja tal-emails annessi f'A.

2. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Tressqu l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-minuti kienu approvati unanimament. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent SE.

3. **PUNTI MILL-MINUTI**

3.1. Il-Kunsillier A Grima irrefera għal para. 3.11 dwar *stencil* kontra l-ħmieġ tal-klieb għaliex ħass li l-kulur iswed jista' jkun ma jkunx tajjeb. Għalhekk kien hemm qbil

unanimu li l-ewwel ikunu ippruvat u wara l-Kunsill jara jekk għandux imur għal kulur differenti.

3.2. Is-Sindku rreferiet għal para. 4.2 dwar ir-regolamenti tal-imwejjed u s-siġġijiet fejn infurmat li attendiet għal laqgħa li saret għal Malta kollha. Saret ukoll laqgħa bejn is-Sindku, il-Kunsillieri Cremona, Bugeja u D. Grima sabiex b'hekk intbagħatu l-proposti bħala Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. Il-Kunsillier Bugeja, li attenda wkoll għal laqgħa fil-kapaċità tiegħu privata, informa li mhux se jkunu affettwati permessi li kienu ħarġu qabel.

3.3. Dwar para. 4.14 il-Kunsill kien infurmat li l-iskrivana Gloria Debono kienet irtirat ir-riżenja tagħha. Il-Kunsill aċċetta l-irtirar tar-riżenja.

3.4. Dwar para. 4.12 dwar estensjoni tal-bankina quddiem Bellavista Hotel il-Kunsillier Grima ressaq oġġezzjoni minħabba li allega telf ta' parkeġġ. Is-Sindku infurmatu li fit-talba intqal li ma kienx se jintilef parkeġġ.

3.5. Dwar para. 5.3 dwar kontijiet pendenti l-Aġent SE informa li kien għadu m'hemmx żviluppi. Il-Kunsillier Tabone stqarr li, sa fejn jiftakar hu, ma kienx hemm kontijiet pendenti mal-kuntrattur Armeni. Talab però li (l-Aġent SE) jiddiskuti mas-SE preċedenti.

3.6. Dwar para. 7.2 dwar possibiltà ta' black listing ta' kumpanija, l-Aġent SE informa li kellu konferma permezz ta' email mingħand id-Dipartiment tal-kuntratti li din il-kumpanija ma kinitx black-listed.

3.7. Dwar para. 9.1 is-Sindku talbet li jkun iffurmat bord tal-għażla għall-post ta' skrivan u ta' żewġ Uffiċjali Eżekuttivi. Kien hemm qbil li l-bord ikun magħmul mis-Sindku, mill-Kunsilliera Buhagiar (jew fin-nuqqas li tkun tista', l-Kunsillier Bugeja) u mill-Kunsillier D. Grima (jew fin-nuqqas li jkun jista', l-Kunsilliera Fenech). Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Tabone l-Aġent SE ikkonferma li s-sejħiet saru skont ir-regolamenti tar-Riżorsi Umani.

3.8. Il-Kunsillier Bugeja staqsa dwar para. 10.1.4. L-Aġent SE informa li huwa kien iltaqa' mal-persuna li jieħu ħsieb il-ġnien u kkonfermalu li kollox kien lest kif kien mitlub.

3.9. Il-Kunsillier Cremona staqsa dwar para 10.1.12 dwar il-problema ta' sewqan eċċessiv mill-muturi fil-By Pass. Is-Sindku infurmat li kienet kitbet lill-Kummissarju dwarha.

3.10. Tqajjmet diskussjoni dwar para.10.1.18 fejn anki għaddew xi kopji ta' komunikazzjoni relatata fejn kien hemm ilmenti mill-Kunsillieri Tabone u A Grima dwar ksur ta' data protection dwar ġbir ta' informazzjoni fuq individwu.

4. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA**

4.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien rebaħ award tat-tieni post għall-inizjattiva li kienet ippjanata favur it-trasport sostenibbli. Dan ifisser li l-Kunsill kien se jibbenefika minn €30,000 għal din l-inizjattiva.

4.2. Is-Sindku infurmat li dwar l-applikazzjoni tal-attivitajiet kulturali il-Kunsill kien għadu kemm ġie infurmat li mhux se jibbenefika minn fondi għall-attività ippjanata.

4.3. Is-Sindku infurmat b'inizjattiva mill-HSBC bl-isem Catch the Drop Campaign u li qed tesplora l-possibiltà li l-Kunsill jipparteċipa.

4.4. Is-Sindku ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kuntratt tal-MTA dwar il-manutenzjoni tal-promenade li allegatament kellu jkun iffirmat mil-leġiżlatura preċedenti. Il-Kunsillier Tabone ddikjara li hu qatt ma kien ra tali kuntratti.

4.5. F'dan il-ħin il-Kunsillier Piscopo talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa.

4.6. Il-Kunsillier A Grima staqsa għaliex il-Kunsill ma jissuġerix lill-MTA (biex) tieħu ħsieb kompletament hi tal-promenade il-ġdida wkoll.

4.7. Kien hemm ukoll kuntratt tas-*sub-office* li wkoll kien meħtieġ li jiġi ffirmat. Kien hemm qbil li dawn il-kuntratti jintbagħatu lill-Kunsillieri kollha.

4.8. Is-Sindku infurmat li kien qiegħed jiġi ppjanat programm Nazzjonali tal-Aerobics u ssuġġeriet li l-Kunsill kellu ħsieb li jipparteċipa. Kien hemm qbil dwar dan.

4.9. Is-Sindku infurmat li kien qiegħed isir arranġament maċ-Ċentru LEAP biex fil-25 ta' Novembru jiġu numru ta' voluntiera biex jagħmlu xogħol ta' żebgħa fuq il-bankijiet tal-ġnien tal-Veċċ. Il-materjal se jingħata mill-Kunsill filwaqt li kull min jixtieq jingħaqad biex jgħati daqqa t'id seta' jagħmel dan.

5. **APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI/SERVIZZI**

5.1. Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill għandu jippubblika fuljett ħalli l-Kunsill ikunu jista' jikkomunika mar-residenti. Il-Kunsillier A. Grima ħass li jekk il-Kunsill għandu problema finanzjarja il-Kunsill m'għandux jaħli flus fuq fuljetti. Is-Sindku infurmat li dak li qed tipproponi hi kien biss fuljett pjuttost bi ftit paġni u li jista' jkun hemm possibilità li parti mill-ispejjeż jiġu minn reklami. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jippubblika fuljett jekk l-infieq għall-pubblikazzjoni (wara li jitnaqqas id-dħul mir-reklami) ma jkunx aktar minn €500.

5.2. Kienet ippreżentata l-lista ta' kontijiet pendenti.

5.3. Il-Kunsillier A Grima staqsa dwar il-kont tad-dawl ta' €9000. L-Aġent SE informa li għalissa dak il-kont huwa miżmum.

5.4. Il-Kunsil imbagħad approva l-kontijiet kif annessi f'A.

5.5. Dwar ix-xiri ta' compactor l-Aġent SE informa li kien kiseb stima li tavviċina l-massimu ta' dak li hu possibli li jinxtara b'ordni diretta. Intqal li wieħed ried jara x'kapċità għandu dan il-*compactor*. Madanakollu kien ideali li wieħed jikkonsidra l-fatt li mill-bidu tas-sena r-Reġjuni se jiġu assenjati magħhom ħaddiema tal-IPSL u li aktarx l-istess Reġjuni se jingħataw ukoll flus biex jinxtara makkinarju u vettura.

5.6. Il-Kunsill imbagħad għadda biex jevalwa l-kwotazzjonijiet għall-armar tad-dawl tal-Milied. Minħabba li kien hemm biss żewġ offerenti, il-Kumitat Festi Esterni u Daniele Armeni, li kkwotaw għal toroq differenti, bil-Kumitat tal-Festi jissottometti figura waħda għal tliet toroq, il-Kunsill qabel li x-xogħol jingħata liż-żewġ offerenti.

5.7. F'dan il-ħin wasal il-Viċi Sindku.

5.8. Naturalment irridu naraw x'fadal dawl li għadu tajjeb ħalli, f'każ li hemm inqas milli meħtieġ, jitnaqqsu xi toroq minn dawk ikkwotati.

5.9. Is-Sindku infurmat li waslet talba mingħand il-Parroċċa ta' Burmarrad għas-somma ta' €2000 biex isir it-tiżjin tal-Milied. Filwaqt li l-Kunsill irrikonoxxa l-

għajnuna tal-Parroċċa, ma qabilx li għandu jħallas dik is-somma kollha waħdu u għalhekk qabel li għandu jagħmel dan ix-xogħol bi sħab billi joffri sa €1000.

5.10. Il-Kunsill approva li jinxtara *visual screen* li ġralu l-ħsara. Il-Kunsill kien infurmat li dan l-iscreen ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni.

5.11. Il-Kunsill approva li tinħareġ sejħa għall-post ta' Librar skont l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti mid-Dipartiment tal-Libreriji.

5.12. Il-Kunsill qabel li għandu jordna xogħol biex issir fażi mill-website għall-prezz ta' €1121. Eventwalment il-Kunsill ikun jista' jibni aktar fuq din il-website iżda l-ewwel fażi tkun biżżejjed biex tkun funzjonabbli b'ammont ta' informazzjoni bażika.

5.13. Issemmiet il-bżonn ta' tindif ta' culverts. Il-Kunsilliera Fenech infurmat li kien allegat li dawn ġew imblukkati bil-konkos. Il-Kunsill qabel li għandhom jitnaddfu.

5.14. Il-Kunsill approva li jkunu stampati *visiting cards* għall-Kunsillieri.

6. **RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART**

6.1. F'dan il-ħin il-Kunsill stieden lill-Accountant is-Sinj. Romina Perici Ferrante biex tispjega r-rapport finanzjarju tal-kwart Lulju sa Settembru 2015.

6.2. L-Accountant spjegat li, għalkemm il-Kunsill kien għadu jinsab fi żbilanċ, kien hemm titjib sostanzjali mill-kwart ta' qabel tant li l-persentaġġ kien ta' 18% minn taħt. Dan però jinkludi l-ammonti li l-Kunsill ħallas żejda fuq rimi ta' skart fil-miżbla u li jekk id-Dipartiment, kif għamel dejjem, iħallas lura dawn il-flus, il-persentaġġ jitla' għal 11% minn taħt. L-Accountant ikkonfermat li d-dejn ma kienx dovut għall-(ftehim tal-) PPP.

6.3. Is-Sindku semmiet li, filwaqt li dan huwa ta' sodisfazzjon, biex seta' jitnaqqas l-iżbilanċ, kellhom jiġu rrifjutati diversi talbiet tar-residenti.

7. **RAPPORT MILL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BURMARRAD**

7.1. Minħabba li ċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv ma kinitx preżenti l-Kunsill qabel li dan is-suġġett jinqabeż.

8. **PJAN, BAĠIT U PROĠETTI TAL-UE**

8.1. F'dan il-ħin kien hemm qbil li l-Kunsill jiddiskuti suġġett numru 8 fuq l-aġenda.

8.2. F'dan il-ħin il-Kunsill stieden lis-Sur Antoine Gambin li kellu proposta x'jispjega lill-Kunsill dwar parteċipazzjoni fi proġetti b'fondi tal-UE. Is-Sur Gambin għandu 14-il sena esperjenza fi proġetti tal-UE. Huwa kien qiegħed jitkellem bħala NGO.

8.3. Is-Sur Gambin semma li jkollu diversi talbiet minn barra li l-aktar ikunu fuq proġetti ta' taħriġ. Huwa infatti kien qiegħed jipproponi lill-Kunsill li jidħol fi sħab mal-NGO li huwa jmexxi biex joffri taħriġ lil residenti ta' San Pawl il-Baħar.

8.4. Għal dawn il-proġetti l-Kunsill ma joħroġ l-ebda fondi anzi jingħata €350 għal kull parteċipant biex jintużaw għall-ispejjeż li jkun hemm.

8.5. Wara li s-Sur Gambin ħalla l-laqgħa s-Sindku stiednet lill-Kunsillieri kollha biex iressqu ideat li jista' jkollhom kemm għall-proġetti tal-UE u anki biex jiddaħħlu fil-pjan tal-Kunsill.

9. **PROPOSTA GĦAL REGOLAMENTAZZJONI DWAR DGĦAJJES TAS-SAJD FUQ L-ART**

9.1. Il-Kunsillier Cremona semma l-problema li ħafna sidien ta' dgħajjes li m'humiex tas-sajd, qed jokkuppaw il-mollijiet u l-parkeġġi minflok li jeħduhom lura u jżommuhom f'post privat. Iddikjara li l-ilment huwa fuq dawk li għandhom dgħajjes tal-pjaċir u mhux li jistagħdu bihom.

9.2. Kien hemm qbil li tkun organizzata laqgħa mal-Pulizija dwar din il-problema.

10. **BINI TA' ĊENTRU ĊIVIKU**

10.1. Il-Kunsillier Bugeja informa li fil-passat kien hemm pjan biex jinbena Ċentru Ċiviku mill-privat u saħansitra kien hemm il-pjanti lesti. Dawn kienu saru minn Tumas Group.

10.2. Il-Kunsillier Tabone semma li, sa fejn jaf hu l-iżviluppaturi ma kienux waslu mad-Dipartiment tal-Artijiet.

10.3. F'dan il-ħin il-Kunsilliera Fenech talbet li tkun skużata mill-kumplament tal-laqgħa.

10.4. Il-Kunsillier Bugeja offra li jitkellem mal-Perit tal-iżviluppaturi jekk il-Kunsill jaqbel. Fakkar ukoll li kienu saru saħansitra konsultazzjonijiet mar-residenti. Il-Kunsillier Tabone talab li terġa ssir konsultazzjoni.

10.5. Il-Kunsill qabel li jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex ikun jista' jitkompla l-proċess għall-proġett u li l-Kunsillier Bugeja jitkellem mal-Perit.

11. **RAMPI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

11.1. Il-Kunsill iddiskuta xogħol li kien sar ftit ilu mill-ħaddiema (handymen) tal-Kunsill fuq ċertu rampi u li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa. Il-Kunsill għalhekk qabel li għandu jiżgura li jagħmel ix-xogħol kif għandu jkun.

12. **RAPPORT DWAR XOGĦOL TA' PATCHING**

12.1. Is-Sindku rreferiet għax-xogħol ta' traqqiegħ li kien sar f'numru ta' toroq lejn il-bidu tas-sena. Semmiet li, kif jaf kulħadd, u kif ħafna persuni jilmentaw, it-toroq fejn sar ix-xogħol spiċċaw fi stat ħażin. Infatti hemm il-kwistjoni ma' Dimbros kemm fuq ħlasijiet pendenti kif ukoll minħabba x-xogħol li sar.

12.2. Minħabba din il-kwistjoni l-Perit tal-Kunsill tqabbad jagħmel rapport tas-sitwazzjoni li ġie ppreżentat fil-laqgħa. Skont dan ir-rapport, waħda mill-problemi hija l-fatt li t-traqqiegħ qatt ma kien suppost sar bil-cold asphalt minħabba li skont it-teknika traqqiegħ bil-cold asphalt isir biss fuq irqajjgħa li ma jaqbżux in-nofs metru kwadru.

12.3. Il-parir tal-avukat kien biex ma jsirx xogħol mill-Kunsill fuqhom iżda li jitlob lil Dimbros biex jirranġa x-xogħol u l-Kunsill iħallas tad-differenza.

12.4. Il-Kunsillier Tabone ddikjara li kienu hu ta l-ordni biex ix-xogħol isir bil-cold asphalt. Dan għamlu minħabba urġenza ta' xita kontinwa u ħsarat flimkien ma' nuqqas ta' fondi.

12.5. F'dan il-ħin il-Kunsillier A Grima talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa.

13. **ATTIVITÀ TAL-MILIED**

13.1. Il-Kunsill qabel li, fin-nuqqas ta' fondi, għandhom isiru biss inizjattivi żgħar bl-inqas spejjeż possibli.

## 14. TMIEM IL-LAQGĦA

14.1. Qabel ma ntemmet il-laqgħa kienu mressqa dawn li ġejjin:

14.1.1. Il-Kunsill qabel li għandu jaħtar bord tal-evalwazzjoni fuq l-offerti tat-tindif tal-latrini li jkun magħmul mis-Sindku, mill-Kunsillier Vella u mill-Kunsillier Bugeja.

14.1.2. Il-Kunsillier Bugeja informa li huwa kien inħatar Segretarju tal-Advisory Board tal-LESA u minħabba f'hekk kien qiegħed jabdika mir-responsabbiltà tal-infurzar lokali fi ħdan il-Kunsill. Madanakollu kollu huwa ħass li kellu jirringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsill tal-fiduċja. Il-Kunsill qabel li din ir-responsabbiltà tingħata lill-Viċi Sindku.

14.1.3. Il-Kunsillier Bugeja semma l-problema tal-culverts tas-Simar u ssuġerixxa li ssir żjara fuq il-post.

14.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa s-16 ta' Diċembru 2015 fis-7pm.

14.3. Il-laqgħa intemmet fl-21:55.

**Graziella Galea**
Sindku

**Paul Gatt**
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**A**



**Paul Gatt <[redacted]>**

## Aġenda - Laqgħa tal-Kunsill numru 8

**Buhagiar Mandy at MEDE <[redacted]>** 10 November 2015 at 14:41
To: Paul Gatt <[redacted]>
Cc: [redacted]

Dear Mr Gatt,

Please do excuse me but for personal reasons I am unable to attend the council meeting of the 11th November.

Kind regards

Mandy

Sent from my iPhone

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Minn _1/10/2015_______ sa _26/10/2015_________**

| | PV No. | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PO | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 761 | | A. Fenech Service Station | 90.95 | 90.95 | D | Inv | Diesel, Sealer & Power steering for Local Council van | 02-10-15 | 1122 | | |
| 762 | | A. Fenech Service Station | 50.00 | 50.00 | D | Inv | Diesel for Local Council van | 07-10-15 | 1123 | | |
| 763 | | A. Fenech Service Station | 75.00 | 75.00 | D | Inv | Diesel for Local Council van KBM 554 | 15-10-15 | 1124 | | |
| 764 | | A. Fenech Service Station | 50.00 | 50.00 | D | Inv | Diesel for Local Council van EBN 253 | 15-10-15 | 1125 | | |
| 765 | | A. Fenech Service Station | 70.00 | 70.00 | D | N/A | Diesel for Council van KBM 554 | 22-10-2015 | 1127 | | |
| 766 | | A. Fenech Service Station | 50.00 | 50.00 | D | Inv | Diesel for Local Council van EBN 253 | 26-10-15 | 1128 | | |
| 767 | | A. Fenech Service Station | 70.00 | 70.00 | D | Inv | Diesel for Local Council van KBM 554 | 00-01-00 | 1129 | | |
| 768 | | A. Fenech Service Station | 50.00 | 50.00 | D | Inv | Diesel for Local Council van EBN 253 | 02-11-15 | 1130 | 5549 | |
| 769 | | Anthony Cordina | 102.24 | 102.24 | D | Inv | 16 Library Hrs for Sept 2015 | 30-09-2015 | Sep-15 | | |
| 770 | | Anthony Cordina | 127.80 | 127.80 | D | Inv | 20 Library Hrs for Oct. 2015 | 31-10-2015 | Oct-15 | | |
| 771 | | ARMS | 1,593.91 | 1,593.91 | D | N/A | Water and electricity bill - a/c 411000063098 from 2nd June-1st Sept 15 | 29-09-15 | 21000733 | | Internet banking |
| 772 | | ARMS | 263.14 | 263.14 | D | N/A | Water and electricity bill - a/c 101000185594 from 2nd June-26th Aug 15 | 29-09-15 | 21000727 | | Internet banking |
| 773 | | ARMS | 100.24 | 100.24 | D | N/A | Water and electricity bill - a/c 208000001697 from 2nd June - 26th Aug 2015 | 29-09-15 | 21000728 | | Internet banking |
| 774 | | ARMS | 484.79 | 484.79 | D | N/A | Water and electricity bill - a/c 411000061483 from 2nd June - 2nd September 2015 | 29-09-15 | 21000732 | | Internet banking |
| 775 | | ARMS | 279.75 | 279.75 | D | N/A | Water and electricity bill - a/c 411000057687 from 2nd June - 1st September 2015 | 29-09-15 | 21000729 | | Internet banking |
| 776 | | ARMS | 427.49 | 427.49 | D | N/A | Water and electricity bill - a/c 411000058291 from 29th June - 1st September 2015 | 29-09-15 | 21000731 | | Internet banking |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **777** | | ARMS | 332.21 | 332.21 | D | N/A | Water and electricity bill - a/c 411000058291 from 29th June - 1st September 2015 | 29-09-15 | 21000730 | | Internet banking |
| **778** | | Arms Limited | 42.09 | 42.09 | D | Inv | W&E Burmarrad Sports Centre 28/07/15-25/09/15 | 24-10-15 | 21117234 | | |
| **779** | | Arms Ltd. | 90.02 | 90.02 | D | Inv | Burmarrad Store 28/07/15-25/09/15 | 24-10-15 | 21119638 | | Internet Banking |
| **780** | | Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali | 80.00 | 80.00 | D | N/A | Laqgħa Plenarja 17ta' Ottubru 2015 | 14-10-15 | | | #VALUE! |
| **781** | | Bonnici Stores Ltd. | 9.00 | 9.00 | T | Inv | Misc. Items for handyman | 02-10-15 | 76313 | | |
| **782** | | Bonnici Stores Ltd. | 9.08 | 9.08 | D | N/A | Misc. Items for handyman | 27-10-15 | 76502 | | |
| **783** | | Bonnici Stores Ltd. | 27.89 | 27.89 | D | N/A | Misc. Items for handyman | 20-10-15 | 76452 | | |
| **784** | | Bonnici Stores Ltd. | 8.80 | 8.80 | D | N/A | Misc. Items for handyman | 29-09-15 | 76294 | | |
| **785** | | Bonnici Stores Ltd. | 54.32 | 54.32 | D | N/A | Misc. Items for handyman | 08-10-2015 | 76347 | | |
| **786** | | Bonnici Stores Ltd. | 1.88 | 1.88 | D | Inv | 4 rawl bolts | 23-10-15 | 76478 | | |
| **787** | | Bonnici Stores Ltd. | 16.27 | 16.27 | D | Inv | Cement & 3 pairs of gloves | 15-10-15 | 76386 | | |
| **788** | | Bonnici Stores Ltd. | 22.68 | 22.68 | D | Inv | Cement, rawl bolts, gloss | 26-10-15 | 76492 | 5551 | |
| **789** | | Bonnici Stores Ltd. | 5.20 | 5.20 | D | Inv | 2 Man Holes | 04-11-15 | 76542 | 5555 | |
| **790** | | CA Refuse Collection | 2,796.14 | 2,796.14 | T | Inv | Refuse Collection Burmarrad/Wardija July 2015 | 31-07-15 | spb 104 | | |
| **791** | | CA Refuse Collection | 4,622.71 | 4,622.71 | T | Inv | Refuse Collection San Pawl July 2015 | 31-07-15 | spb 105 | | |
| **792** | | CA Refuse Collection | 3,337.19 | 3,337.19 | T | Inv | Refuse Collection Xemxija July 2015 | 31-07-15 | spb 106 | | |
| **793** | | CA Refuse Collection | 2,796.14 | 2,796.14 | T | Inv | Refuse Collection Burmarrad/Wardija August 2015 | 31-08-15 | spb 107 | | |
| **794** | | CA Refuse Collection | 4,622.71 | 4,622.71 | T | Inv | Refuse Collection San Pawl August 2015 | 31-08-15 | spb 108 | | |
| **795** | | CA Refuse Collection | 3,337.19 | 3,337.19 | T | Inv | Refuse Collection Xemxija August 2015 | 31-08-15 | spb 109 | | |
| **796** | | CA Refuse Collection | 2,705.94 | 2,705.94 | T | Inv | Refuse Collection Burmarrad/Wardija September2015 | 30-09-15 | spb 110 | | |
| **797** | | CA Refuse Collection | 4,473.59 | 4,473.59 | T | Inv | Refuse Collection San Pawl September 2015 | 30-09-15 | spb 111 | | |
| **798** | | CA Refuse Collection | 3,229.54 | 3,229.54 | T | Inv | Refuse Collection Xemxija September 2015 | 30-09-15 | spb 112 | | |
| **799** | | Central Insurance Brokers | 120.00 | 120.00 | T | N/A | Accident excess claim for Local council van | | | | |
| **800** | | Centric Computers | 6.95 | 6.95 | D | N/A | IT item for Local Council office | 06-10-15 | 1 | | |
| **801** | | CJ General Supplies | 240.00 | 240.00 | D | Inv | Paint for MTA project | 19-10-15 | 1850 | | |
| **802** | | CJ General Supplies | 565.00 | 565.00 | D | N/A | Paint for MTA project | 08-10-15 | 2575 | | |
| **803** | | CSD Office Trade | 34.81 | 34.81 | D | N/A | Stationery for office use | 15-10-15 | 55175 | | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **804** | | CSD Office Trade | 89.62 | 89.62 | D | Inv | Stationery for office use | 16-10-15 | 55195 | | |
| **805** | | CSD Office Trade | 83.56 | 83.56 | D | N/A | Stationery for office use | 06-10-15 | 54999 | | |
| **806** | | CSD Office Trade | 38.65 | 38.65 | D | Inv | Stationery for office use | 03-09-15 | 54496 | | |
| **807** | | CSD Office Trade | 77.52 | 77.52 | D | Inv | Envelopes for office use | 23-10-15 | 55300 | 5547 | |
| **808** | | Dad's Service Station | 281.00 | 281.00 | D | Inv | 3 Tyres KBM554 | 29-10-15 | 3371015D | 5544 | |
| **809** | | Datatrak IT Services | 106.27 | 106.27 | D | Inv | 6 Pre-Region Tickets 01/07/15-31/07/15 | 31-07-15 | 1011163 | | |
| **810** | | Datatrak IT Services | 63.30 | 63.30 | D | Inv | 7 Pre-Region Tickets 01/07/15-31/07/15 | 31-08-15 | 1011181 | | |
| **811** | | Datatrak IT Services | 106.28 | 106.28 | D | Inv | 13 Pre-Region Tickets 01/10/15-31/10/15 | 31-10-15 | 1011248 | | |
| **812** | | David Tanti | 750.00 | 712.50 | T | Inv | Burmarrad/Xemxija street cleaning for August 15 | 01-09-15 | SPB 61 | | |
| **813** | | David Tanti | 750.00 | 712.50 | T | Inv | Burmarrad/Xemxija street cleaning for May 15 | 28-05-15 | SPB 55 | | |
| **814** | | David Tanti | 750.00 | 712.50 | T | Inv | Burmarrad/Xemxija street cleaning for June 15 | 01-07-15 | SPB 57 | | |
| **815** | | David Tanti | 750.00 | 712.50 | T | Inv | Burmarrad/Xemxija street cleaning for July 15 | 01-08-15 | SPB 59 | | |
| **816** | | DOI | 18.64 | 18.64 | D | N/A | Adverts on Government Gazzette | | | | 17321 |
| **817** | | Emaunel Bonnici | 956.25 | 956.25 | T | Inv | Rent of garage St. Publius street Oct-Dec 2015 | 15-10-15 | 3--15 | | |
| **818** | | Emmanuel's | 836.74 | 836.74 | D | N/A | Replacement of cheques 16431/16483/16681 | | | | 1 |
| **819** | | Enemalta | (279.52) | (279.52) | D | N/A | Credit note for temporary meters | 16-10-15 | 1600000120 | | |
| **820** | | Environmental Landscapes Consortium Limited | 535.56 | 535.56 | T | Inv | Upkeep & maintenance of Soft Areas Apr 2015 | 30-04-15 | 12875 | | |
| **821** | | Environmental Landscapes Consortium Limited | 318.60 | 318.60 | T | Inv | 2 Bowser Trips | 14-07-15 | 13595 | | |
| **822** | | Environmental Landscapes Consortium Limited | 535.56 | 535.56 | T | Inv | Upkeep & maintenance of Soft Areas Aug 2015 | 31-08-15 | 13904 | | |
| **823** | | Environmental Landscapes Consortium Limited | 535.56 | 535.56 | T | Inv | Upkeep & maintenance of Soft Areas Sept 2015 | 30-09-15 | 14148 | | |
| **824** | | Environmental Landscapes Consortium Limited | 535.56 | 535.56 | T | Inv | Upkeep & maintenance of Soft Areas Oct 2015 | 31-10-15 | 14372 | | |
| **825** | | G4S | 169.92 | 169.92 | D | N/A | Cash collection for September 2015 | 30-09-15 | GS13199 | | |
| **826** | | G4S (Invoice €191.16 part paid by chq 16736 €127.80) | 63.36 | 63.36 | D | N/A | Cash collection for December 2014 | 31-12-14 | GS011482 | | |
| **827** | | Gauci Borda & Co. Ltd. | 19.67 | 19.67 | D | Inv | Rollers & handles | 09-10-2015 | 133933 | | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **828** | | Go plc. | 19.75 | 19.75 | D | Inv | A/c 50589801 99433059 01/06/15-30/06/15 | 06-06-15 | 43777719 | | |
| **829** | | Go plc. | 19.75 | 19.75 | D | Inv | A/c 50589801 99433059 01/09/15-30/09/15 | 06-09-15 | 45111941 | | |
| **830** | | Go plc. | 19.75 | 19.75 | D | Inv | A/c 50589801 99433059 01/10/15-31/10/15 | 07-10-15 | 45574968 | | Internet banking |
| **831** | | Go plc. | 21.01 | 21.01 | D | Inv | A/c 40545847 Sub Office Internet 01/10/15-31/10/15 | 04-10-15 | 45279209 | | Internet banking |
| **832** | | JGC | 216.00 | 216.00 | D | Inv | 6 Locks for Litter Bins at Open Gym in Triq it-Trunciera | 28-10-15 | 275-15 | 5548 | |
| **833** | | Joseph Calleja | 995.00 | 995.00 | Q | N/A | Grass Cutting at Wied tal-Mistra | 28-10-15 | 160 | | |
| **834** | | Marco Briffa | 1,309.00 | 1,309.00 | T | Inv | Supervisor Handyman Services for Oct 2015 | 27-10-15 | 10/2015 | | 17328 |
| **835** | | Mario Caruana | 82.60 | 82.60 | D | N/A | Photography service @ Summer Carnival | 14-10-15 | spblc001 | | |
| **836** | | Mario Mallia | 6.50 | 6.50 | T | Inv | Supply of No entry sticker sign | 15-08-15 | 275 | | |
| **837** | | Mario Mallia | 60.91 | 60.91 | T | Inv | Road mirror of 60cm Triq San Pawl c/w Triq Stella Maris | 23-10-15 | 327 | | |
| **838** | | Mario Mallia | 60.91 | 60.91 | T | Inv | Road mirror of 60cm Triq Luigi Preziosi (near Portobello) | 23-10-15 | 326 | | |
| **839** | | Mario Mallia | 75.25 | 75.25 | T | Inv | 1 tin yellow paint | 23-10-15 | 334 | | |
| **840** | | Mario Mallia | 43.80 | 43.80 | T | N/A | Road Sign 40cm x 40 cm Triq il-Qawra (near Luzzu Restaurant) | 08-10-15 | 310 | | |
| **841** | | Mario Mallia | 59.55 | 59.55 | T | N/A | Road signs and maintenance works Triq it-Trunciera (near Aquarium) | 08-10-15 | 311 | | |
| **842** | | Mario Mallia | 17.51 | 17.51 | T | N/A | One way sign & stop sign stickers mintenance | 19-10-15 | 320 | | |
| **843** | | Micamed Limited | 66.50 | 66.50 | T | Inv | Triq il-Kahli & Trejqet il-Kulpara | 14-10-15 | SPB 329 | | |
| **844** | | Micamed Limited | 228.00 | 228.00 | T | Inv | Triq il-Glieba, Triq San Gorg, Triq Raddet ir-Roti & Triq A. Cunningham | 14-10-15 | SPB 331 | | |
| **845** | | Micamed Limited | 52.25 | 52.25 | T | Inv | Triq ic-Cagħaq | 14-10-15 | SPB 332 | | |
| **846** | | Micamed Limited | 61.75 | 61.75 | T | Inv | Triq Sir Luigi Preziosi | 14-10-15 | SĠB 333 | | |
| **847** | | Micamed Limited | 166.25 | 166.25 | T | Inv | Triq il-Bekkun, Triq il-Maghsar, Triq San Gorg | 14-10-15 | SPB 334 | | |
| **848** | | Micamed Limited | 76.00 | 76.00 | T | Inv | Triq iz-Zernieq | 14-10-15 | SPB 335 | | |
| **849** | | Micamed Limited | 52.25 | 52.25 | T | Inv | Triq is-Sajf | 14-10-15 | SPB 336 | | |
| **850** | | Micamed Limited | 114.00 | 114.00 | T | Inv | Triq Cassarino & Triq Papa Pawlu V | 14-10-15 | SPB 337 | | |
| **851** | | Micamed Limited | 308.75 | 308.75 | T | Inv | Triq il-Fekruna | 30-09-2015 | SPB0324 | | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **852** | | Micamed Limited | 104.50 | 104.50 | T | Inv | Dawret in Nawfragju, Triq Emmanuele Pinto | 30-09-2015 | SPB0325 | | |
| **853** | | Micamed Limited | 57.00 | 57.00 | T | Inv | Triq ir-Rumani | 30-09-2015 | SPB0326 | | |
| **854** | | Micamed Limited | 610.66 | 610.66 | T | Inv | Triq il-Korp tal-Pijunieri, Triq Pwales | 30-09-2015 | SPB0327 | | |
| **855** | | Micamed Limited | 14.25 | 14.25 | T | Inv | Triq Burmarrad | 30-09-2015 | SPB0328 | | |
| **856** | | Micamed Limited | 66.50 | 66.50 | T | Inv | Triq il-Hgejjeg, Triq il-Preistorja | 22-10-2015 | SPB0338 | | |
| **857** | | Micamed Limited | 38.00 | 38.00 | T | Inv | Triq Patri Guzepp Calleja | 22-10-2015 | SPB0339 | | |
| **858** | | Micamed Limited | 61.75 | 61.75 | T | Inv | Triq it-Turisti | 22-10-2015 | SPB0340 | | |
| **859** | | Micamed Limited | 57.00 | 57.00 | T | Inv | Triq l-Alka | 22-10-2015 | SPB0341 | | |
| **860** | | Miriam Chircop | 360.00 | 360.00 | Q | Inv | Cleaning of Public Conveniences 19/09/15-30/09/15 | 01-10-15 | 3 | | |
| **861** | | Miriam Chircop | 900.00 | 900.00 | Q | Inv | Cleaning of Public Conveniences 01/10/15-31/10/15 | 02-11-15 | 3 | | |
| **862** | | MITA | 416.85 | 416.85 | D | Inv | Provision, maintenance & support Wide Area for the period from Oct-Dec 2015 | 21-10-15 | SIN033084 | | |
| **863** | | Ozone | 308.82 | 308.82 | T | Inv | Telephone bill for the month of September 2015 | 30-09-15 | 114124 | | |
| **864** | | Ozone Ltd. | 264.97 | 264.97 | D | Inv | Call charges Oct 2015 | 31-10-15 | 114925 | | Internet Banking |
| **865** | | P.D. Security Installations | 79.65 | 79.65 | D | Inv | Service on Camera at Sub-Office | 29-09-15 | 1399 | | |
| **866** | | Perit William Lewis | 429.98 | 429.98 | T | Inv | Prof fees re Civil works for construction of Outdoor gym | 28-05-15 | WLDM/38/15 | | |
| **867** | | Piscopo Gardens | 4,485.00 | 4,485.00 | Q | N/A | Landscaping of Public Area ne Ta' Fra Ben | 27-03-2015 | 281/2015 | 5301 | |
| **868** | | Police Department | 1,201.97 | 1,201.97 | D | Inv | Police Attendance during Fireworks Festival | 31-05-15 | 62662 | | |
| **869** | | Police Department | 1,845.52 | 1,845.52 | D | Inv | Police Attendance during Summer Carnival | 31-08-2015 | 62664 | | |
| **870** | | Romina Perici Ferrante | 460.00 | 460.00 | T | Inv | Accounting Services for Sept 2015 | 30-09-2015 | 15/056 | | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **871** | | Romina Perici Ferrante | 575.00 | 575.00 | T | Inv | Accounting Services for Oct 2015 | 31-10-15 | 15/062 | | |
| **872** | | Salaries | 9,895.50 | 9,895.50 | D | N/A | Salaries & Honoraria for Oct 2015 | 31-10-15 | N/A | | 17324-17327 |
| **873** | | Saviour Mifsud | 712.50 | 712.50 | T | Inv | Soft areas 2 and 4 services for the month of September 2015 | 14-10-15 | 30 | | |
| **874** | | Sergio Borg | 1,443.75 | 1,443.75 | T | Inv | Handyman Service for Oct 2015 | 27-10-15 | 10/2015 | | 1 |
| **875** | | Sijon | 7.00 | 7.00 | D | N/A | Misc. Items for handyman | 20-10-2015 | 1769 | | |
| **876** | | Sijon | 3.30 | 3.30 | D | N/A | Misc. Items for handyman | 13-10-2015 | 1748 | | |
| **877** | | Smart Technologies | 59.00 | 59.00 | Q | N/A | IT services for the month of October 2015 | 29-10-15 | 15565 | | |
| **878** | | Spiral Design | 28.32 | 28.32 | D | Inv | Stencil for dog foul | 30-09-15 | 3239 | | |
| **879** | | SSCS Cleaning Services | 8,000.00 | 7,600.00 | T | Inv | Street Cleaning Services Sept 2015 | 02-10-2015 | SPB64 | | |
| **880** | | SSCS Cleaning Services | 750.00 | 712.50 | T | Inv | Street Cleaning Services Burmarrad Sept 2015 | 02-10-2015 | SPB63 | | |
| **881** | | St. Paul's Food store | 58.21 | 58.21 | D | N/A | Hospitality | | | | |
| **882** | | Tony's | 13.92 | 13.92 | D | N/A | Alignment for Council van | 15-10-15 | 46826 | | |
| **883** | | Vella & Sons Water Supplies Ltd. | 334.02 | 334.02 | D | Inv | 4 trips irrigation June 2015 & Fountains 17/06/15 | 03-09-15 | 7/15 | | |
| **884** | | Vodafone | 124.80 | 124.80 | D | Inv | Monthly Service Sept 2015 | 01-10-15 | 4872628102015 | | Internet Banking |
| **885** | | WasteServ Malta Ltd. | 10,493.53 | 3,656.67 | D | Inv | Tipping Fees 01/09/15-15/09/15 | 01-09-15 | 60354 | | |
| **886** | | WasteServ Malta Ltd. | 70.64 | 70.64 | D | Inv | Tipping Fees KBM554 01/09/15-15/09/15 | 01-10-15 | 60185 | | |
| **887** | | WasteServ Malta Ltd. | 55.41 | 55.41 | D | Inv | Tipping Fees KBM554 16/09/15-30/09/15 | 15-10-15 | 60508 | | |
| **888** | | WasteServ Malta Ltd. | 10,043.23 | 3,656.67 | D | Inv | Tipping Fees 16/09/15-30/09/15 | 15-10-15 | 60681 | | |
| **889** | | William's Garage | 807.50 | 807.50 | T | Inv | Elderly Day Centre transport for the month September 2015 | 02-10-15 | T3961 | | |
| **890** | | WM Environmental Ltd | 17,913.33 | 17,913.33 | T | Inv | Collection of household waste - Sept 2015 | 01-10-15 | 37 | | |
| **891** | | WM Environmental Ltd | 19,871.94 | 19,871.94 | T | Inv | Collection of household waste Aug 2015 | 01-09-2015 | 36 | | |